III

(Atti oħrajn)

ŻONA EKONOMIKA EWROPEA

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 81/2010

tat-2 ta' Lulju 2010

li temenda l-Anness I (kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat permezz tal-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness I tal-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 61/2010 tal-11 ta' Ġunju 2010 ([1]).

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 885/2009 tal-25 ta' Settembru 2009 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 378/2005 rigward kampjuni ta' referenza, miżati u laboratorji mniżżla fl-Anness II ([2]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1269/2009 tal-21 ta' Diċembru 2009 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 243/2007 fir-rigward tal-kontenut minimu tal-addittiv fl-għalf għall-ħnieżer għat-tismin ([3]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(4) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1270/2009 tal-21 ta' Diċembru 2009 dwar l-awtorizzazzjoni permanenti ta' ċerti addittivi fl-oġġetti tal-għalf ([4]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(5) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 8/2010 tat-23 ta' Diċembru 2009 li jikkonċerna l-awtorizzazzjoni ta' serine protease prodotta mill-*Bacillus licheniformis* (DSM 19670) bħala addittiv fl-għalf għat-tiġieġ għat-tismin (id-detentur tal-awtorizzazzjoni DSM Nutritional Products Ltd., irrappreżentat minn DSM Nutritional Products Sp.Z.o.o) ([5]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(6) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 9/2010 tat-23 ta' Diċembru 2009 li jikkonċerna l-awtorizzazzjoni tal-endo-1,4-beta-xylanase prodotti mit-*Trichoderma reesei* (ATCC PTA 5588) bħala addittiv tal-għalf għat-tiġieġ għat-tismin, tiġieġ tal-bajd, papri u dundjani għat-tismin (detentur tal-awtorizzazzjoni Danisco Animal Nutrition, Finnfeeds International Limited) ([6]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(7) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2010/6/UE tad-9 ta' Frar 2010 li temenda l-Anness I tad-Direttiva 2002/32/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-merkurju, gossypol ħieles, nitriti u *Mowrah, Bassia, Madhuca* ([7]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(8) Din id-Deċiżjoni m'għandhiex tapplika għal-Liechtenstein,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Kapitolu II tal-Anness I tal-Ftehim għandu jiġi emendat kif ġej:

1. L-inċiż li ġej għandu jiġi miżjud fil-punt 1zzh (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 378/2005):

"— **32009 R 0885**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 885/2009 tal-25 ta' Settembru 2009 (ĠU L 254, 26.9.2009, p. 58)."

2. L-inċiż li ġej għandu jiġu miżjud fil-punt 1zzzn (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 243/2007):

"— **32009 R 1269**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1269/2009 tal-21 ta' Diċembru 2009 (ĠU L 339, 22.12.2009, p. 27)."

3. Il-punti li ġejjin għandhom jiġu mdaħħla wara l-punt 1zzzzzu (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1096/2009):

"1zzzzzv. **32009 R 1270**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1270/2009 tal-21 ta' Diċembru 2009 dwar l-awtorizzazzjonijiet permanenti ta' ċerti addittivi fl-oġġetti tal-għalf (ĠU L 339, 22.12.2009, p. 28).

([1]) ĠU L 244, 16.9.2010, p. 6.
([2]) ĠU L 254, 26.9.2009, p. 58.
([3]) ĠU L 339, 22.12.2009, p. 27.
([4]) ĠU L 339, 22.12.2009, p. 28.
([5]) ĠU L 3, 7.1.2010, p. 7.
([6]) ĠU L 3, 7.1.2010, p. 10.
([7]) ĠU L 37, 10.2.2010, p. 29.

1zzzzzw. **32010 R 0008**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 8/2010 tat- 23 ta' Diċembru 2009 li jikkonċerna l-awtorizzazzjoni ta' serine protease prodotta mill-*Bacillus licheniformis* (DSM 19670) bħala addittiv fl-għalf għat-tiġieġ għat-tismin (id-detentur tal-awtorizzazzjoni DSM Nutritional Products Ltd., irrappreżentat minn DSM Nutritional Products Sp.Z.o.o) (ĠU L 3, 7.1.2010, p. 7).

1zzzzzx. **32010 R 0009**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 9/2010 tat- 23 ta' Diċembru 2009 li jikkonċerna l-awtorizzazzjoni tal-endo-1,4-beta-xylanase prodotti minn *Trichoderma reesei* (ATCC PTA 5588) bħala addittiv tal-għalf għat-tiġieġ għat-tismin, tiġieġ tal-bajd, papri u dundjani għat-tismin (detentur tal-awtorizzazzjoni Danisco Animal Nutrition, Finnfeeds International Limited) (ĠU L 3, 7.1.2010, p. 10)."

4. L-inċiż li ġej għandu jiżdied fil-punt 33 (id-Direttiva 2002/32/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill):

"— **32010 L 0006**: Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2010/6/UE tad-9 ta' Frar 2010 (ĠU L 37, 10.2.2010, p. 29)."

Artikolu 2

It-testi tar-Regolamenti (KE) Nru 885/2009, (UE) Nru 1269/2009, (UE) Nru 1270/2009, (UE) Nru 8/2010 u (UE) Nru 9/2010 u d-Direttiva 2010/6/UE, bil-lingwa Islandiża u Norveġiża, li jiġu pubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar it-3 ta' Lulju 2010, kemm-il darba ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE, ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' Lulju 2010.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Stefán Haukur JÓHANNESSON

(*) Mhuma indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali.